

**Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar Il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Kunsill, il-Parlament Ewropew, il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u l-Kumitat tar-Reġjuni — Pjan Strateġiku Ewropew għat-Teknoloġija ta' l-Enerġija (SET-plan) "Lejn ġejjieni ta' emissjonijiet baxxi tal-karbonju"**

COM(2007) 723 finali

(2009/C 27/13)

Nhar it-22 ta' Novembru 2007, il-Kummissjoni ddeċidiet, b'konformità ma' l-Artikolu 262 tat-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea, li tikkonsulta lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar

*Il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Kunsill, lill-Parlament Ewropew, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni — Pjan Strateġiku Ewropew għat-Teknoloġija ta' l-Enerġija (SET-plan) "Lejn ġejjieni ta' emissjonijiet baxxi tal-karbonju".*

Is-Sezzjoni Speċjalizzata għat-Trasport, l-Enerġija, l-Infrastruttura u s-Soċjetà ta' l-Infommazzjoni, inkarigata sabiex tipprepara l-ħidma tal-Kumitat dwar is-suġġett, adottat l-opinjoni tagħha nhar il-5 ta' Ġunju 2008. Ir-rapporteur kien is-Sur Zboril.

Matul l-446 sessjoni plenarja tiegħu li nżammet fid-9 u l-10 ta' Lulju 2008 (seduta tad-9 ta' Lulju), il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew adotta din l-opinjoni b'127 vot favur, u 5 astensjonijiet.

## 1. Rakkomandazzjonijiet u konklużjonijiet

1.1 Il-KESE jilqa' l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni u d-dokumenti relatati u jaqbel ma' l-analiżi u d-deskrizzjoni tal-pożizzjoni rigward it-teknoloġija ta' l-enerġija. Mingħajr strateġija soda għall-iżvilupp tat-teknoloġija ta' l-enerġija, kull ħsieb li jittaffa t-tibdil fil-klima huwa mhedded serjament. Għal din ir-raġuni, il-KESE jappoġġja l-adozzjoni tas-SET-Plan.

1.2 Il-Komunikazzjoni tagħti importanza konsiderevoli lil element prinċipali tal-politika ta' l-enerġija — provvista ta' l-enerġija sikura li tkun kemm fattibbli kif ukoll sostenibbli mil-lat ambjentali. Is-sigurtà tal-provvista ma tfissirx biss id-disponibbiltà fiżika tal-provvista, iżda wkoll id-disponibbiltà tagħha bi prezzijiet li huma aċċettabbli soċjalment.

1.3 Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni bir-raġun tqiegħed l-iżvilupp tat-teknoloġija ta' l-enerġija fil-quċċata ta' l-isforzi sabiex jixxekkel it-tibdil fil-klima, pożizzjoni li tirrifletti l-konklużjonijiet adottati mit-13-il Konferenza tal-Partijiet (COP 13) f'Bali f'Diċembru 2007 (1).

1.4 Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni hija perfettament korretta meta tiġbed l-attenzjoni għall-importanza essenzjali tal-perijodu ta' żmien fl-implimentazzjoni ta' l-istrateġija proposta (is-SET-Plan) sabiex l-UE tkun tista' żżomm il-wegħda tagħha ta' Marzu 2007 li tnaqqas l-emissjonijiet tal-gassijiet serra sal-2020.

1.5 Sabiex l-UE tħaffef l-iżvilupp u l-applikazzjoni prattika tat-teknoloġija l-ġodda ta' l-enerġija, għandha bżonn mekkaniżmi iktar immirati u effettivi li jagħmlu użu mill-potenzjal tal-fondi pubbliċi, l-industrija, l-universitajiet u r-riċerka u li jsaħħu s-sinerġija bejniethom. Fil-livell internazzjonali hemm bżonn ukoll

(1) Ara d-deċiżjoni tan-NU tat-13-il Laqgħa tal-Konferenza tal-Partijiet għall-Konvenzjoni Qafas dwar it-Tibdil fil-Klima — il-Pjan ta' Azzjoni ta' Bali.

kollaborazzjoni usa' u miżuri għall-prevenzjoni tal-frammentazzjoni fir-riċerka.

1.6 Il-KESE japprezza ħafna l-pożizzjoni meħuda mill-Kummissjoni fil-Komunikazzjoni tagħha fejn issejjaħ sabiex ikun hemm iktar riżorsi finanzjarji, iżda fuq kollox umani, mobilizzati fl-erba' livelli kollha: fis-settur privat, fil-livell ta' l-Istati Membri, fil-livell Komunitarju u fil-livell dinji. Il-Kumitat jenfasizza li prerekwiżit importanti għall-mobilizzazzjoni tar-riżorsi umani huwa l-appoġġ ġenerali għall-edukazzjoni fix-xjenza u t-teknoloġija.

1.7 Il-pjan strateġiku għandu jinkludi mhux biss il-ħolqien ta' prijoritajiet fil-livell ta' l-UE, iżda wkoll il-ħolqien ta' prijoritajiet speċifiċi fil-livell ta' l-Istati Membri li jirrispettaw il-kapaċitajiet u l-esperjenza tagħhom, l-allokazzjoni ta' fondi suffiċjenti mill-finanzi pubbliċi (ta' l-UE u l-Istati Membri), l-aħjar użu possibbli tal-kapaċitajiet tar-riċerka u l-iżvilupp u l-parteċipazzjoni tas-settur privat li jitħeġġeġ minn biżżejjed stimuli mis-suq ta' l-enerġija, kif ukoll strumenti oħra legali u fiskali.

1.8 Il-Kumitat jaħseb li jkun ta' ħsara jekk dak li bla dubju hu l-iktar strumenti importanti għat-tnaqqis fit-tibdil fil-klima — strateġija għall-iżvilupp u l-applikazzjoni tat-teknoloġija ta' l-enerġija — jingħata inqas importanza minn kwistjonijiet oħrajn, li mil-lat realistiku, minflok għandhom jipprovdu il-qafas meh-tieġ ta' appoġġ u l-istimulu għal dan l-iżvilupp (EU ETS (l-iskema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet), appoġġ għall-użu ta' sorsi ta' l-enerġija rinnovabbli, it-Tielet Pakkett ta' l-Enerġija, eċċ.). Hija biss bidla ġenwina lejn teknoloġiji iktar effettivi li tista' tikseb tnaqqis veru fl-emissjonijiet tal-gassijiet serra.

1.9 L-analiżi tas-sitwazzjoni attwali, li m'hija xejn sodisfaċenti hija eċċezzjonalment konċiża u pertinenti, li bir-raġun tidentifika l-problemi organizzattivi u amministrattivi li s-soċjetà għandha tindirizza flimkien ma' daww xjentifiċi u teknoloġiċi.

1.10 Ir-rakkomandazzjonijiet fil-livell ta' l-UE jitolbu li tingħata attenzjoni u appoġġ adegwat lit-teknoloġiji li jużaw is-sorsi rinnovabbli għat-tiżnin u l-iktar infrastruttura reċenti għad-distribuzzjoni u l-ħżin ta' l-enerġija. Madankollu, għalissa, ċerti tipi ta' enerġija rinnovabbli huma għoljin u ser ikomplu f'din it-triq fil-ġejjieni fit-tul. Sfortunatament, it-teknoloġiji ta' l-iffrankar ta' l-enerġija għall-użu aħħari tal-konsum, it-teknoloġiji nodfa tal-karburanti fossili, l-enerġija nukleari (kemm fissjoni kif ukoll fużjoni) u l-ħżin sikur ta' l-iskart nukleari twarrbu mill-aġenda prinċipali. M'għandux jintesa li hemm bosta pajjiżi li huma dipendenti fuq il-karburanti fossili u l-enerġija nukleari u din id-dipendenza ser tkompli fil-futur immedjat.

1.11 Fil-fehma tal-KESE, il-parteċipazzjoni intensiva tas-settur privat, hija assolutament kruċjali. L-UE u l-gvernijiet ta' l-Istati Membri għandhom jipprovdu l-ambjent meħtieġ għal dan, mhux biss bid-definizzjoni tal-prinċipji, il-prijoritajiet u l-miri tal-politiki ta' l-enerġija, iżda wkoll bil-ħolqien ta' strumenti li jgħinu għal jintlaħqu.

1.12 L-element prinċipali huwa li jitwaqqfu regoli tas-suq fis-settur ta' l-enerġija, speċjalment l-inkorporazzjoni korretta ta' l-esternalitajiet, inkluż l-ispejjeż soċjali, fil-prezzijiet ta' kull forma ta' enerġija. L-UE u l-Istati Membri x'aktarx ser ikollhom joħlqu ambjent leġiżlattiv u fiskali sabiex jassiguraw taħlita aħjar ta' fondi pubbliċi u privati għar-riċerka u l-iżvilupp ta' l-enerġija.

1.13 Il-fattibilità li kull Stat Membru juża s-sorsi ta' enerġija rinnovabbli u jkun involut fil-programmi għall-iżvilupp tat-teknoloġiji ta' l-enerġija għandha tiġi analizzata skond l-ambjent naturali tiegħu u r-riżorsi fiżikament aċċessibbli.

1.14 Il-progress fit-teknoloġiji avvanzati ta' l-enerġija għall-konsumatur għandhom ikunu disponibbli għall-iżvilupp sostenibbli. Koordinazzjoni strateġika tar-riċerka u l-iżvilupp ta' l-enerġija li tistabbilixxi l-kontenut u l-prijoritajiet ta' l-iskedi fil-livell Komunitarju u ta' l-Istati Membri, flimkien mal-mekkaniżmi ta' ħidma meħtieġa, bħalma huma s-sistemi għall-ġestjoni, il-monitoraġġ u l-flussi ta' l-informazzjoni, jistgħu jagħtu kontribut siewi għall-ksib ta' l-għanijiet mixtieqa.

1.15 Bis-saħħa tat-tkabbir tal-kooperazzjoni fir-riċerka u l-iżvilupp ta' teknoloġiji ġodda lil hinn mill-Komunità, għandha

tingħata prijorità — qabel ma jiġu finalizzati ftehimiet ġodda — lill-aħjar użu ta' l-istituzzjonijiet, il-kuntratti u l-ftehimiet eżistenti, speċjalment daww li taww prova tal-valur tagħhom.

1.16 Is-SET-Plan huwa approċċ strateġiku ewlieni ta' l-ekonomija Ewropea sabiex jiġu żviluppati u jsiru produttivi t-teknoloġiji meħtieġa għat-tnaqqis fit-tibdil fil-klima billi jitnaqqsu l-emissjonijiet tal-gassijiet serra sa l-2020 u wara dan sa l-2050.

## 2. Daħla

2.1 Fit-22 ta' Novembru 2007, il-Kummissjoni ħarġet proposta bl-isem ta' *Pjan Strateġiku Ewropew għat-Teknoloġija ta' l-Enerġija (SET-plan)* COM(2007) 723 — "*Lejn ġejjieni ta' emissjonijiet baxxi tal-karbonju*", flimkien mad-dokumenti ta' ħidma "*Full impact assessment*" SEC(2007) 1508, "*Summary Impact Assessment*" SEC(2007) 1509, "*Technology Map*" SEC(2007) 1510, u "*Capacities Map*" SEC(2007) 1511. Dan is-sett ta' dokumenti jiġbor it-tagħrif eżistenti tas-SET Plan u r-riżorsi disponibbli u li għandhom jiġu mobilizzati sabiex jinkisbu l-għanijiet ta' dan il-pjan. Flimkien, dawn jikkostitwixxu appell urġenti għal kollaborazzjoni iktar stretta u iktar ikkoordinata dwar ir-riċerka u l-iżvilupp fil-livelli kollha <sup>(2)</sup>.

2.2 Dan huwa approċċ strateġiku f'wieħed mill-oqsma ewlenin (jekk mhux il-qasam ewlieni) ta' l-isforzi għat-tnaqqis fit-tibdil fil-klima billi jitnaqqsu l-emissjonijiet tal-gassijiet serra — speċifikament b'20 % fl-UE sa l-2020, u jekk jista' jkun bi 30 % jekk il-komunità dinjija tadotta l-inizjattiva ta' l-UE. Dawn l-għanijiet essenzjali tal-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima, tressqu mill-Kunsill Ewropew flimkien mal-punti politiki ewlenin tal-Politika ta' l-Enerġija għall-Ewropa, fid-9 ta' Marzu 2007.

2.3 Ser jinħtieġu avvanzati enormi fit-teknoloġija ta' l-enerġija sabiex il-konċentrazzjonijiet tad-dijossidu tal-karbonju fl-atmosfera jiġu stabilizzati flivell aċċettabbli. M'hemm l-ebda dubju dwar jekk hemmx b'żonn l-innovazzjoni teknoloġika. Il-kwistjoni hija sa liema livell il-politika għanda tiffoka direttament fuq il-motivazzjoni ta' innovazzjoni bħal din <sup>(3)</sup>. Il-kompjaċenza li tinholq mit-teknoloġija diġà disponibbli hija perikoluża immens u s-SET Plan, proġettat u implimentat bis-sħiħ, huwa l-għażla bażika adattata sabiex jinkisbu l-miri meħtieġa għat-tnaqqis.

## 3. Dokumenti tal-Kummissjoni

3.1 Jeħtieġ li l-Ewropa taġixxi issa, b'mod magħqud, sabiex twassal enerġija sostenibbli, sikura u kompetittiva. L-użu tat-teknoloġija hija essenzjali biex nilħqu l-miri tal-Politika Ewropea ta' l-Enerġija adottata mill-Kunsill Ewropew tad-9 ta' Marzu 2007. Biex nilħqu l-miri, jeħtieġilna nbaxxu l-ispiża ta' l-enerġija nadifa u li npoġġu l-industrija ta' l-UE fuq quddiemnett fis-settur

<sup>(2)</sup> Il-KESE ħareġ għadd ta' opinjonijiet rilevanti immens dwar din il-kwistjoni, bħal ĠU C 241, 7.10.2002, p. 13 *Riċerka u Enerġija* (mhux disponibbli bil-Malti) li ma tilfu xejn mir-rilevanza tagħhom.

<sup>(3)</sup> Pielke, R.Jr at al, *Dangerous assumptions*, *Nature*, Vol. 452/3 p. 531, 532, it-3 ta' April 2008

tat-teknoloġija b'emissjonijiet baxxi tal-karbonju, li qed jikber bil-ħeffa. Fil-medda aktar fit-tul, jeħtieġ li jiġu żviluppati ġenerazzjonijiet ta' teknoloġiji ġodda permezz ta' kisbiet sinifikanti fir-riċerka, jekk irridu nilħqu l-ambizzjoni li sa l-2050 nnaqqsu l-emissjonijiet ta' gassijiet serra b'60-80 %.

3.2 Ix-xejriet attwali u l-projezzjonijiet tagħhom fil-ġejjieni juru li m'aħniex fit-triq li nilħqu l-miri tagħna tal-politika ta' l-enerġija. Id-disponibbiltà faċli tar-riżorsi mhux biss ħallietna dipendenti fuq il-karburanti fossili, imma ddgħajef wkoll l-interess fl-innovazzjoni u l-investment fit-teknoloġiji ġodda ta' l-enerġija. Il-baġits pubbliċi u privati tar-riċerka fl-enerġija fl-UE naqsu sostanzjalment mindu laħqu l-ogħla livelli tagħhom fit-Tmeninijiet, b'risposta għall-iskossi tal-prezzijiet ta' l-enerġija. Dan wassal għal kumulazzjoni ta' investment nieqes fil-kapaċitajiet tar-riċerka fl-enerġija u fl-infrastrutturi ta' l-enerġija. Li kieku l-gvernijiet ta' l-UE llum kienu qed jinvestu bl-istess rata bħal fl-1980, l-infiq pubbliku totali ta' l-UE fuq l-iżvilupp ta' teknoloġiji ġodda ta' l-enerġija kien ikun erba' darbiet il-livell attwali ta' l-investment ta' madwar EUR 2.5 biljun fis-sena.

3.3 L-adozzjoni mis-suq ta' teknoloġiji ġodda ta' l-enerġija tixxekkel ukoll min-natura stess ta' l-enerġija bħala prodott. Dan il-qafas xejn favorevoli għall-innovazzjoni jkomplu jxekklu ostakli ġuridiċi u amministrattivi. L-intervent pubbliku biex jirfed l-innovazzjoni fl-enerġija huwa meħtieġ sew kif ukoll ġustifikkat.

3.4 L-atturi ewlenin, l-Istati Uniti u l-Ġappun, flimkien ukoll ma' l-ekonomiji li qegħdin jinħolqu bħalma huma ċ-Ċina, l-Indja u l-Brażil, qed jiffaċċjaw l-istess sfidi u qed ikattru l-isforzi tagħhom. Id-daqs tas-suq tagħhom, u l-kapaċitajiet ta' l-investment u r-riċerka tagħhom, jissbqu bil-kbir dawk tal-parti l-kbira ta' l-Istati Membri. Il-frammentazzjoni, strateġiji moltepliċi u mhux allineati, u kapaċitajiet li ma jilhqx massa kritika, għadhom jikkarakterizzaw il-bażi ta' riċerka ta' l-UE. Madankollu, jekk naqgħu lura fit-tellieqa dinjija biex jintrebħu s-swieq tat-teknoloġija b'emissjonijiet baxxi tal-karbonju, li qed tintensifika ruħha, jista' jkun li jkollna niddependu minn teknoloġiji importati biex nilħqu l-miri tagħna, u b'hekk inħallu jaħarbulna minn idejna opportunitajiet kummerċjali enormi għall-kumpaniji ta' l-UE.

3.5 It-transizzjoni għal ekonomija b'emissjonijiet baxxi tal-karbonju sejra ddum l-għexieren tas-snin, u tolqot kull settur ta' l-ekonomija, imma ma nistgħux niddewwu fl-azzjoni. Deċiżjonijiet li sejrjn jittieħdu matul l-10 u l-15-il sena li ġejjin sejrjn ikollhom konsegwenzi profondi għas-sikurezza ta' l-enerġija, għat-tibdil fil-klima, u għat-ktabbir ekonomiku u l-impjiegi fl-Ewropa.

3.6 L-ewwel u qabel kollox, jeħtiġilna bidla sostanzjali fl-effiċjenza f'dak li jirrigwarda l-konverżjoni, il-provvista u l-użu aħħari ta' l-enerġija. Fit-trasport, fil-bini u l-industrija, jeħtieġ li l-opportunitajiet disponibbli ta' l-enerġija jinbidlu f'opportunitajiet għall-azzjenti. Jeħtiġilna nutilizzaw għal kollox il-potenzjal

għat-teknoloġiji ta' l-informazzjoni u l-komunikazzjoni u l-innovazzjoni fl-organizzazzjonijiet, kif ukoll li nużaw l-istrumenti bbażati fuq il-politika pubblika u fuq is-suq<sup>(4)</sup> biex niġġestixxu d-domanda u ninkoraġġixxu swieq ġodda.

3.7 Fid-dokument tagħha, il-Kummissjoni tgħid li ħafna mit-teknoloġiji li sejrjn jikkontribwixxu għall-ilħiq tal-miri ta' l-2020 huma disponibbli llum, jew inkella fl-aħħar fażijiet ta' l-iżvilupp. Madankollu, anke skond l-iktar xenarju ottimist ser jeħtieġ perijodu konsiderevoli ta' żmien sabiex it-teknoloġiji disponibbli jsiru produttivi u b'mod ġenerali, it-teknoloġiji b'emissjonijiet baxxi tal-karbonju għadhom għaljin, u jiffaċċjaw ostakli fil-penetrazzjoni tas-suq. Għaldaqstant, jenħtieġ approċċ doppju: riċerka msaħħa biex jitbaxxew l-ispejjeż u tittiejeb il-prestazzjoni; u miżuri proattivi ta' appoġġ biex joħolqu l-opportunitajiet kummerċjali, jstimulaw l-iżvilupp tas-swieq u jindirizzaw l-ostakoli mhux teknoloġiċi li jiskoraġġixxu l-innovazzjoni u t-twassil fis-suq ta' teknoloġiji effiċjenti u b'emissjonijiet baxxi tal-karbonju.

Biex nilħqu l-viżjoni ta' l-2050 ta' teknoloġiji mingħajr karbonju, jeħtiġilna niżviluppaw ġenerazzjoni ġdida ta' teknoloġiji permezz ta' suċċessi maġġuri fir-riċerka. Anke jekk uħud minn dawn it-teknoloġiji f'it se jkollhom impatt sa l-2020, huwa essenzjali li nqawwu l-isforzi tagħna llum biex niżguraw li jsiru produttivi malajr kemm jista' jkun.

3.8 Miżuri eżistenti li tħaddmu f'dawn l-aħħar snin ipprovdew pedament għal aktar azzjoni ta' l-UE: (i) il-ħolqien ta' Pjattiformi Teknoloġiċi Ewropej, (ii) l-użu ta' l-istrument taż-Żona Ewropea tar-Riċerka (ERA)-Net għal bidla lejn il-programmazzjoni komuni tar-riċerka bejn l-Istati Membri, u (iii) kollaborazzjoni bejn iċ-ċentri tar-riċerka foqasma speċifiċi bis-saħħa tan-Networks ta' Eċċellenza. Is-SET-Plan sejrjn jiffoka, iqawwi u jagħti l-koerenza lill-isforz globali fl-Ewropa, bil-għan li jaċċellera l-innovazzjoni fit-teknoloġiji Ewropej l-aktar avvanzati b'emissjonijiet baxxi tal-karbonju. Is-SET-Plan jipproponi li jwassal dawn ir-riżultati: (i) ippjanar strateġiku konġunt ġdid, (ii) implimentazzjoni aktar effikaċi, (iii) żieda fir-riżorsi, u (iv) approċċ ġdid u msaħħa lejn il-kooperazzjoni internazzjonali.

3.9 Mod ġdid ta' ħidma fil-livell Komunitarju jirrikjedi mezzi inklussivi, dinamiċi u flessibbli għat-tmexxija ta' dan il-proċess, għad-definizzjoni tal-prijoritajiet u għas-sottomissjoni ta' proposti ta' azzjoni — approċċ kollettiv lejn l-ippjanar strateġiku. Dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet jeħtiġilhom jibdeu jikkomunikaw flimkien, u jieħdu deċiżjonijiet b'mod aktar strutturat u orjentat lejn missjoni, huma u jfasslu kunċetti ta' azzjoni u jimplimentawhom mal-KE fi ħdan qafas kooperattiv. Biex tmexxi l-implimentazzjoni tas-SET-Plan, filwaqt li ssaħħa il-koerenza bejn l-isforzi nazzjonali, Ewropej u dinjija, fl-2008, il-Kummissjoni sejrjn tistabbilixxi Grupp ta' Tmexxija dwar it-Teknoloġiji Strateġiċi ta' l-Enerġija. Il-Kummissjoni sejrjn torganizza Summit Ewropew dwar it-Teknoloġiji ta' l-Enerġija fl-ewwel nofs ta' l-2009.

<sup>(4)</sup> COM(2007)140, 28.3.2007, Green Paper dwar strumenti bbażati fuq is-suq għall-ambjent u għanijiet ta' politika relatati.

3.10 L-ippjanar strateġiku effikaċi fil-Grupp ta' Tmexxija jirrikjedi informazzjoni u data regolari u affidabbli. Il-Kummissjoni sejra tistabbilixxi sistema ta' aċċess miftuħ għall-informazzjoni u ta' ġestjoni ta' l-għarfien. Sejra tinkludi "mapep tat-teknoloġija" kif ukoll "mapep tal-kapaċitajiet" żviluppanti miċ-Ċentru Konġunt ta' Riċerka tal-Kummissjoni <sup>(5)</sup>.

3.11 Biex naċċelleraw il-proċessi ta' żvilupp u introduzzjoni fis-suq, neħtieġu aktar mekkaniżmi aktar iffukati u b'saħħithom li jistgħu jingaġġaw il-potenzjal ta' l-intervent pubbliku, l-industrija Ewropea u r-riċerkaturi. Il-mekkaniżmi huma dawn li ġejjin: (i) Inizjattivi Industrijali Ewropej, (ii) l-Alleanza Ewropea għar-Riċerka dwar l-Enerġija, u (iii) Netwerks Trans-Ewropej ta' l-Enerġija u sistemi tal-ġejjieni.

3.12 L-inkoraġġiment ta' aktar iffukar u koordinazzjoni bejn l-iskemi u s-sorsi differenti tal-finanzjament sejjer jgħin biex nottimizzaw l-investimenti, nibnu l-kapaċitajiet u niżguraw kontinwità ta' finanzjament għal teknoloġiji f'fażijiet differenti ta' l-iżvilupp. Jeħtiġilna nindirizzaw żewġ sfidi: **il-mobilizzazzjoni ta' riżorsi finanzjarji addizzjonali**, għar-riċerka u l-infrastrutturi relatati, dimostrazzjoni fuq skala industrijali u proġetti tar-replikazzjoni tas-swieq; u **l-edukazzjoni u t-taħriġ** biex ikollna l-kwantità u l-kwalità tar-riżorsi umani meħtieġa biex nisfruttaw għall-aħħar l-opportunitajiet teknoloġiċi li sejra toħloq il-politika Ewropea ta' l-enerġija.

3.13 Il-Kummissjoni biħsiebha tippreżenta **Komunikazzjoni dwar il-finanzjament ta' teknoloġiji b'emissjonijiet baxxi tal-karbonju** fi tmiem l-2008. L-azzjonijiet ta' l-Istati Membri biex iqawwu l-bażi tar-riżorsi umani għandhom ikunu kkoordinati aħjar, biex inkabbru s-sinerġiji kemm jista' jkun u nżidu l-mobbiltà fis-settur.

3.14 Il-miżuri proposti fis-SET-Plan għandhom iwasslu għal strateġija msaħħa ta' kooperazzjoni internazzjonali. Jeħtiġilna wkoll niżguraw li l-UE titkellem dejjem aktar b'leħen wieħed fil-forums internazzjonali, fejn dan ikun f'loku, biex nilħqu effett ta' sħubija aktar koerenti u aktar qawwi.

3.15 Illum, il-proċess ta' l-innovazzjoni fit-teknoloġija ta' l-enerġija jissejjes fuq programmi u inċentivi nazzjonali, bl-użu ta' riżorsi naturali biex jintlaħqu għanijiet u miri nazzjonali. Dan il-mudell kien jgħodd għal żmien, illum fl-imgħoddi, ta' enerġija rħisa u l-ebda restrizzjonijiet tal-karbonju. Biex inwettqu t-tibdiliet drammatiċi fix-xenarju ta' l-enerġija meħtieġa fis-Seklu 21, għandna nsegwu politika ġdida.

#### 4. Punti ġenerali

4.1 Il-KESE jilqa' l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni u d-dokumenti ta' ħidma relatati u jaqbel ma' l-analiżi u d-deskrizzjoni tal-pożizzjoni fir-rigward tat-teknoloġiji ta' l-enerġija. Ir-risposta għar-riskji tal-bidla globali fil-klima filwaqt li tkompli

tintlaqa' d-domanda għolja ta' l-ekonomiji maturi għall-enerġija u t-talbiet dejjem aktar jiżiedu ta' l-ekonomiji li qeġhdin jiżviluppaw, hija sfida internazzjonali sinifikanti. Mingħajr strateġija soda għall-iżvilupp ta' teknoloġiji ta' l-enerġija li jkun iktar ekonomiki u effiċjenti, kull ħsieb li jittaffa t-tibdil fil-klima huwa mhedded serjament.

4.2 Il-Komunikazzjoni żżid importanza konsiderevoli ma' l-element prinċipali tal-politika ta' l-enerġija — provvista ta' l-enerġija sikura li hija kemm fattibbli kif ukoll sostenibbli mil-lat ambjentali. Is-sigurtà tal-provvista ma tffissirx biss id-disponibbiltà fiżika tal-provvisti, iżda wkoll id-disponibbiltà tagħhom bi prezzijiet li huma aċċettabbli soċjalment.

4.3 Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni għandha raġun tisħaq fuq l-iżvilupp tat-teknoloġiji ta' l-enerġija sabiex jitrażżan it-tibdil fil-klima, pożizzjoni li tirrifletti l-konklużjonijiet adottati mit-13-il Konferenza tal-Partijiet (COP 13) f'Bali f'Diċembru 2007 <sup>(6)</sup>. Il-kollaborazzjoni f'dan il-qasam issa u fil-futur għandha ssir prijorità ta' l-UE, mhux talinqas fil-kuntest ta' l-opportunitajiet potenzjali għall-ekonomija ta' l-Ewropa li ġġib magħa l-espansjoni tat-teknoloġiji neċessarji.

4.4 Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni hija perfettament korretta meta tiġbed l-attenzjoni għall-importanza essenzjali taż-żmien fl-implimentazzjoni ta' l-istrateġija proposta (is-SET-Plan) sabiex l-UE tkun tista' żżomm il-wegħda tagħha ta' Marzu 2007 li tnaqqas l-emissjonijiet tal-gassijiet serra sa l-2020. Sakemm ma jkunx hemm aċċelerazzjoni fl-organizzazzjoni u fl-analiżi finali ta' l-approċċi strateġiċi bażiċi għall-iżvilupp tat-teknoloġiji (li tinkludi l-adozzjoni tad-direzzjonijiet strateġiċi ewlenin ta' l-iżvilupp u r-riċerka fl-Istati Uniti u l-Ġappun), ser ikun impossibbli li niffukaw l-isforzi u r-riżorsi b'mod effettiv għall-ġestjoni ta' l-ewwel stadju sa l-2020, aħseb u ara t-tieni stadju sa l-2050.

4.5 Sabiex l-UE tħaffef l-iżvilupp u l-applikazzjoni prattika tat-teknoloġiji l-ġodda ta' l-enerġija, għandha bżonn mekkaniżmi iktar immirati u effettivi li jagħmlu użu mill-potenzjal tal-fondi pubbliċi, l-industrija, l-universitajiet u r-riċerka u tqawwi s-sinerġija bejniethom. L-Ewropa għandha istituti nazzjonali ta' riċerka għall-enerġija li huma b'saħħithom, kif ukoll tims ta' riċerka eċċellenti li jaħdmu fl-universitajiet u ċentri speċjalizzati. Sfortunatament, xogħlhom m'huwiex ikkoordinat u l-istrumenti li ntużaw s'issa għat-tmexxija tal-kollaborazzjoni tagħhom m'humieq adegwati. L-isfruttament sħiħ ta' dan il-potenzjal huwa kruċjali għas-suċċess tal-pjan propost. Hemm bżonn ukoll kollaborazzjoni usa' fil-livell internazzjonali.

<sup>(5)</sup> Ara d-Dokumenti ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni SEC(2007) 1510 "Technology Map" u SEC(2007)1511 "Capacities Map".

<sup>(6)</sup> Ara d-deċiżjoni tan-NU tat-13-il Laqgħa tal-Konferenza tal-Partijiet għall-Konvenzjoni Qafas dwar it-Tibdil fil-Klima — il-Pjan ta' Azzjoni ta' Bali.

4.6 Il-KESE japprezza ħafna l-pożizzjoni meħuda mill-Kummissjoni fil-Komunikazzjoni tagħha fejn issejjaħ sabiex ikun hemm iktar riżorsi finanzjarji, iżda fuq kollox umani, mobilizzati fl-erba' livelli kollha kemm huma: is-settur privat, il-livell ta' l-Istati Membri, il-livell Komunitarju u l-livell dinji. S'issa, prijoritajiet f'kunflitt u proċeduri mtawla xekklu l-mobilizzazzjoni tal-fondi. Is-SET-plan propost għandu jkattar bidla fl-attitudnijiet u aċċelerazzjoni fil-proċess tat-tehdid tad-deċiżjonijiet. Minkejja l-fatt li l-mobilizzazzjoni tar-riżorsi umani — li qatt ma tkun proċess mgħaġġel — hija parti wkoll mill-istrategġija ta' Lisbona, l-isforzi għas-sejba tar-riżorsi umani meħtieġa għall-implimentazzjoni proposta għadhom inadegwati u jdumu wisq. L-ewwel pre-rekwiżit għall-mobilizzazzjoni tar-riżorsi umani huwa l-appoġġ ġenerali għall-edukazzjoni fix-xjenza u t-teknoloġija.

4.7 Il-KESE josserva li huwa essenzjali li jintlaħaq ftehim mhux biss fuq l-viżjonijiet, il-prijoritajiet u l-miri tal-politika ta' l-enerġija, iżda wkoll fuq il-pjan strateġiku għat-teknoloġiji ta' l-enerġija.

4.8 Il-Kumitat jaħseb li jkun ta' ħsara jekk dak li bla dubju hu l-iktar strument importanti għat-tnaqqis fit-tibdil fil-klima — strategġija għall-iżvilupp u l-applikazzjoni tat-teknoloġiji ta' l-enerġija — jingħata inqas importanza minn kwistjonijiet jew teknoloġiji oħrajn, li mil-lat realistiku, minflok għandhom jipprovdu qafas ta' appoġġ għal dan l-iżvilupp (EU ETS (l-iskema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet), appoġġ għall-użu ta' sorsi ta' l-enerġija rinnovabbli, il-Tielet Pakkett ta' l-Enerġija, eċċ.). Hija biss bidla ġenwina lejn teknoloġiji iktar effettivi li tista' tikseb tnaqqis veru fl-emissjonijiet tal-gassijiet serra. Wieħed mis-sorsi ta' fondi għall-iżvilupp teknoloġiku jista' jkun l-irkant ta' permessi ta' l-EU ETS, dejjem sakemm il-proposta għall-introduzzjoni ta' din il-proċeduri tiġi adottata. Madankollu, taħt l-ebda ċirkostanza m'għandu jkun l-uniku sors ta' fondi, speċjalment jekk jidħol fis-seħħ biss fl-2013.

## 5. Kummenti speċjali

5.1 L-analiżi tas-sitwazzjoni attwali, li m'hija xejn sodisfaċenti, hija eċċezjonalment konċiża u pertinenti, u bir-raġun tidentifika l-problemi organizzattivi u amministrattivi li s-soċjetà għandha tindirizza flimkien ma' daww xjentifiċi u teknoloġiċi.

5.2 Il-premessa li tirfed id-dokumenti ta' l-UE li jittrattaw it-teknoloġiji ta' l-enerġija hija li m'hemm l-ebda teknoloġija unika ta' l-enerġija — u lanqas numru żgħir — li tista' jkollha influwenza importanti fuq il-progress fil-qasam ta' l-enerġija u tgħin fil-ksib tal-miri ppreżentati. Għall-kuntrarju, hemm ħafna, u r-riżultati jinkisbu biss jekk jiġu uttilizzati kollha kemm huma. L-ebda minnhom li jkun almenu promettenti m'għandhom jittwarrbu mingħajr analiżi, għalkemm daww li huma l-inqas promettenti għandhom jittwarrbu mill-iktar fis possibbli sabiex ma jinħlewx ir-riżorsi. Kull Stat Membri, u jekk jista' jkun kull reg-

jun, għandu jingħata permess li jagħżel il-prijoritajiet tiegħu fi ħdan il-qafas strateġiku bbażat fuq il-kompetenza, l-esperjenza u l-kapaċità tiegħu għall-implimentazzjoni.

5.3 Id-dokumenti dwar din il-kwistjoni fil-livell ta' l-UE jirakkomandaw li għandha tingħata attenzjoni lit-teknoloġiji li jużaw is-sorsi rinnovabbli, it-teknoloġiji nodfa għall-enerġija tas-sħana (inkluż is-sħana għall-produzzjoni ta' l-elettriku) u l-aħħar infrastruttura għad-distribuzzjoni u l-ħżin ta' l-enerġija. Il-KESE japprova dawn il-prijoritajiet. Madankollu, teknoloġiji nodfa tal-karburanti fossili li ser jibqgħu l-iktar sors primarju importanti ta' l-enerġija għall-ġejjieni fit-tul, l-enerġija nukleari (kemm tal-fissjoni kif ukoll tal-fużjoni) u l-ħżin sikur ta' l-iskart nukleari, li qegħdin jittwarrbu, għandhom ikomplu jkun parti integrali mill-portafoll ta' l-UE għar-riċerka u l-iżvilupp u m'għandhomx jintesew.

5.4 Il-KESE jaqbel li s-suq ta' l-enerġija s'issa ma rnexxilux jipprovi lil daww li jieħdu d-deċiżjonijiet dwar l-enerġija, il-gvernijiet u l-investituri privati b'informazzjoni ċara dwar l-urġenza li jiġu żviluppati teknoloġiji ġodda ta' l-enerġija minħabba li l-ispejjeż tad-diversi tipi ta' enerġija u l-karburanti ma jinkludux biżżejjed l-esternalitajiet kollha li jinkludu l-ispejjeż soċjali. Din hija r-raġuni wkoll għalfejn għad m'hemm l-ebda ftehim fil-livell ta' l-UE dwar il-prijoritajiet tar-riċerka u l-iżvilupp ta' l-enerġija u dwar il-ħolqien ta' fondi u strumenti oħrajn għall-appoġġ ta' dawn il-prijoritajiet.

5.5 Il-KESE huwa tal-fehma li l-pjan strateġiku għandu jinkludi mhux biss il-ħolqien ta' prijoritajiet fil-livell ta' l-UE, iżda wkoll il-ħolqien ta' prijoritajiet speċifiċi fil-livell ta' l-Istati Membri, l-allokkazzjoni ta' fondi suffiċjenti mill-finanzi pubbliċi, l-aħjar użu possibbli tal-kapaċitajiet tar-riċerka u l-iżvilupp u l-parteċipazzjoni tas-settur privat li tithegġe minn biżżejjed stimuli mis-suq ta' l-enerġija, kif ukoll strumenti oħra legali u fiskali. Il-parteċipazzjoni intensiva tas-settur privat, hija assolutament kruċjali. L-UE u l-gvernijiet ta' l-Istati Membri għandhom jipprovdu l-ambjent meħtieġ għal dan, mhux biss bid-definizzjoni tal-prinċipji, il-prijoritajiet u l-miri tal-politiki ta' l-enerġija, iżda wkoll bil-ħolqien ta' l-istrumenti prattiċi biex jgħinuuhom jintlaħaq.

5.6 L-element prinċipali huwa li jitwaqqfu regoli tas-suq fis-settur ta' l-enerġija, speċjalment l-inkorporazzjoni korretta ta' l-esternalitajiet fil-prezzijiet ta' l-enerġija, li jinkludu l-ispejjeż soċjali, li jwasslu sabiex is-suq jibgħat sinjali bikrija lill-investituri u l-operaturi privati dwar il-bżonn ta' bidla teknoloġika sabiex jiġi assigurat l-iktar użu effettiv tas-sorsi differenti ta' l-enerġija. L-UE u l-Istati Membri x'aktarx ser ikollhom joħolqu ambjent legiŝlattiv u fiskali, inkluż mekkaniżmi volontarji, sabiex jassiguraw taħlita aħjar ta' fondi pubbliċi u privati għar-riċerka u l-iżvilupp ta' l-enerġija li jwasslu għal użu iktar tar-riżorsi.

5.7 Jeżistu prospetti pjuttost tajbin għal xi pajjiżi b'kondizzjonijiet naturali favorevoli sabiex isir progress iktar imħaffef fiż-żieda ta' l-użu tas-sorsi rinnovabbli ta' l-enerġija. Iżda jeżistu wkoll pajjiżi li m'għandhomx dan il-vantaġġ jew ma jistgħux jifruktawh b'mod ekonomiku. Il-fattibilità li kull Stat Membru juża s-sorsi ta' enerġija rinnovabbli u jkun involut fil-programmi għall-iżvilupp tat-teknoloġiji ta' l-enerġija għandha tiġi analizzata skond l-ambjent naturali tiegħu u r-riżorsi tiegħu li huma fiżikament aċċessibbli.

5.8 Il-Kumitat huwa tal-fehma li l-prijoritajiet imressqa fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-SET-Plan huma kemmxejn limitati, partikularment rigward is-sorsi rinnovabbli ta' l-enerġija. M'hemmx dubju li dawn huma importanti għat-tis-hih tas-sigurtà tal-provvista ta' l-enerġija, li twassal għal inqas dipendenza min-naħa ta' l-Istati Membri fuq l-importazzjoni ta' l-enerġija u għas-sostenibilità ta' l-iżvilupp. Madankollu, għalissa, ċerti tipi ta' enerġija rinnovabbli jibqgħu għoljin ħafna u ser ikomplu f'din it-triq fil-ġejjieni. Bl-istess mod, l-integrazzjoni tas-suq ta' l-enerġija m'hijiex biss kwistjoni ta' politika u organizzazzjoni, iżda ser teħtieġ ukoll ir-riċerka u l-iżvilupp neċessarju — per eżempju fil-qasam tan-netwerks intelliġenti.

5.9 M'għandux jintesa li bosta pajjiżi huma dipendenti fuq il-karburanti fossili u l-enerġija nukleari u din id-dipendenza ser tkompli fil-futur immedjat. L-istess jgħodd għall-pajjiżi terzi u l-UE għandha tikkoordina l-isforzi tagħha magħhom sabiex tħaffef ir-riċerka u l-iżvilupp tat-teknoloġiji ta' l-enerġija. Għal din ir-raġuni, il-KESE jaħseb li l-prijoritajiet ta' l-UE m'għandhomx jif-fukaw l-iktar fuq it-teknoloġiji ta' l-enerġija rinnovabbli, billi t-

teknoloġiji għall-iffrankar ta' l-enerġija għall-użu aħħari u t-teknoloġiji nodfa bbażati fuq il-karburanti fossili (inkluż il-qbid u l-ħżin tad-dijossidu tal-karbonju) huma ta' importanza indaq. L-UE għandha aġenda u sistema speċjali għar-riċerka u l-iżvilupp rigward it-teknoloġiji nukleari. Madankollu, il-bżonn ta' riċerka u żvilupp fl-enerġija mill-fissjoni nukleari u — forsi fil-futur — mill-fużjoni u t-tul ta' ħajja u s-sigurtà ta' impjanti nukleari għandu jiġi enfasizzat, billi dawn jista' jkollhom ħafna x'joffru f'termini ta' sigurtà tal-provvista ta' l-enerġija u t-tnaqqis fl-emissjonijiet tal-gassijiet serra fl-UE.

5.10 Naturalment, l-isforzi għall-iffrankar ta' l-enerġija kemm fl-istadju tat-trasformazzjoni kif ukoll dak tal-konsum aħħari jista' jagħmel kontribut qawwi għall-iżvilupp sostenibbli, kif jista' jagħmel ukoll il-progress fit-teknoloġiji avvanzati ta' l-enerġija. Fil-livell ta' l-UE, l-użu aħjar tar-riżorsi finanzjarji u umani disponibbli f'dan il-qasam ferm wiesa' jista' jiġi ffaċilitat b'koordinazzjoni strateġika tar-riċerka u l-iżvilupp ta' l-enerġija, maħsuba u segwita sew, li tressaq il-kontenut u l-prijoratijiet ta' l-iskedi fil-livell Komunitarju u ta' l-Istati Membri, flimkien mal-mekkaniżmi ta' tħaddim neċessarji bħas-sistemi tal-ġestjoni, il-monitoraġġ u l-flussi ta' l-informazzjoni. L-istandardizzazzjoni effettiva tal-proċeduri u l-impjanti taqdi rwol essenzjali wkoll.

5.11 Bis-saħħa tat-tkabbir tal-kooperazzjoni fir-riċerka u l-iżvilupp ta' teknoloġiji ġodda lil hinn mill-Komunità, għandha tingħata prijorità — qabel ma jiġu finalizzati ftehimiet ġodda — lill-aħjar użu ta' l-istituzzjonijiet, il-kuntratti u l-ftehimiet eżistenti, speċjalment dawk li taw prova tal-valur tagħhom.

Brussell, id-9 ta' Lulju 2008

Il-President

tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew

Dimitris DIMITRIADIS